MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 213/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sharon Tanti)**

**Vs**
Jesmond Vella

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Marzu, 2006, kif ukoll fix-xhur ta' qabel cioe' Jannar 2006 u Frar 2006 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment lil Charmaine Fenech ghaz-zewg uliedu minuri Jean Paul Vella ta' 6 snin u Mary Claire Vella**

**ta’ 3 snin, skond kif ordnat lilu mill-Onor. Geoffrey Valenzia LL.D digriet nru. 1190/2004.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Mejju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 9 u 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant ikkundannatu ghal terminu ta’ detenzjoni ghal zmien xahar (1).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Mejju, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tikkancella w tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Semghet ix-xhieda ta’ Charmaine Fenech.

Ikkonsidrat :

Illi fis-seduta tal-lum meta xehdet Charmaine Fenech irrizulta li hi ma kienitx mizzewwga mall-appellant u dana allura skond il-gurisprudenza (App. Krim. **“Il-Pulizija vs. David Scerri”** [16.12.03] u **“Il-Pulizija vs. David Falzon”** [12.10.06]) gie stabbilit illi l-kontravenzjoni kontemplata fis-sub-artikolu (z) tal-artikolu 338 ma’ tapplikax ghall-kazijiet fejn il-parti l-ohra ma tkunx mizzewga mal-akkuzat u fejn it-tfal allura ma jkunux it-tfal taz-zwieg. Ghalhekk l-appellant ma setghax jinstab hati tal-akkuza kif dedotta msejsa fuq l-artikolu 338 (z).

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------